Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,502, 6 ta' Novembru, 2009
Taqsima B

A.L. 328 tal-2009

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att Kontra *Money Laundering*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 373.01.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tagħha, minflok il-kliem "Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni;" għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, kull kummerċ ta' l-assigurazzjoni mmexxi minn persuna skont ir-Regolamenti dwar *Insurance Business (Companies Carrying on Business of Affiliated Insurance) Regulations*, u kull kummerċ ta' l-assigurazzjoni mmexxi minn kumpannija ċellulari skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpanniji (Kumpanniji Ċellulari li Jmexxu Kummerċ ta' Assigurazzjoni);"; u

Kap. 487.

L.S.403.11.

L.S.386.10.

(b) fil-paragrafu (f) tagħha, minnufih wara l-kliem "skema ta' investiment kollettiv" għandhom jiżdiedu l-kliem "li tkun qegħda tqiegħed fis-suq l-unitajiet jew l-ishma tagħha,".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (3) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja" għandhom jidħlu l-kliem "poloz ta' l-assigurazzjoni"; u

(b) fit-test Ingliż tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "life insurance" għandha tidħol il-kelma "insurance".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (3) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-paragrafu (h)" għandhom jidħlu l-kliem "l-paragrafu (i)".